**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Christel Limited C 3515**

**Vs**

**Carmel sive Charlot Pisani u Colleen Pisani**

**Rik Nru: 243/19**

**Illum 2 ta' Dicembru 2020**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

1. Illi l-esponenti tikri l-hanut numru mija erbgha u erbghin (144) Paola Square, Paola lill-intimati *in solidum* bejniethom bil-kera fil-prezent ta' hamsin Euro (€50) kuljum u dan skont kuntratt iffirmat fis-6 ta' Dicembru 2011, kopja Dok C1.

2. Illi l-intimati ma hallsux il-kera dovuta ghal xhur ta' Awwissu 2017, Ottubru 2017, Dicembru 2017, Jannar 2018, Frar 2018 u Mejju 2018 li jammontaw ghal mija tlieta u tmenin (183) gurnata u ghalhekk ghas-somma globali ta' disat elef mija u hamsin Euro (€9,150.00).

3. Illi l-intimati hallsu biss €1,450 flok €1,500 ghax-xahar ta' Novembru 2017 u ghalhekk jonqos bilanc ta' €50.

4. Illi l-ammont globali dovut mill-intimati *in solidum* bejniethom huwa ghalhekk ta' disat elef u mitejn Euro (€9,200).

5. Illi l-esponenti interpellat lill-intimati biex ihallsu dan l-ammont b'ittra datata 4 ta' Marzu 2019, kopja Dok C2, izda ma rcevew l-ebda pagament.

6. Sussegwentement l-esponenti pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A Kap12, kopja Dok C3, u bin-numru 2612/19 izda l-intimati rrispingew it-talba kif jidher mill-kopja tar-risposta Dok C4 u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett kollu li l-intimati jigu kkundannati *in solidum* minn dan il-Bord ihallsuha s-somma ta' €9,200 flimkien mal-imghax mid-data ta' kull skadenza.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 2612/19.

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew:

1. Illi s-socjeta' attrici tikri l-hanut mija erbgha u erbghin (144) Paola Square, Paola lill-intimati *in solidum* bejniethom bil-kera fil-prezent ta' hamsin Euro (€50) kuljum u dan skont kuntratt iffirmat fis-6 ta' Dicembru 2011.

2. Illi l-intimati dejjem hallsu l-kera inkluz tax-xhur t'Awwissu 2017, Ottubru 2017, Dicembru 2017, Jannar 2018, Frar 2018 u Mejju 2018, li jammontaw ghal mija tlieta u tmenin (183) gurnata u ghalhekk ghas-somma globali ta' disat elef mija u hamsin Euro (€9,150.00).

3. Illi l-intimati hallsu biss €1,450 flok €1,500 ghax-xahar ta' Novembru 2017 u ghalhekk il-bilanc ta' €50 thallas mal-kera ta' Dicembru 2017.

4. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ammont dovut mill-intimati in solidum bejniethom.

5. Illi s-socjeta' attrici interpellat lill-intimati biex ihallsu dan l-ammont b'ittra datata 4 ta' Marzu 2019, izda ma rcevew l-ebda pagament ghaliex l-ebda pagament m'huwa dovut ghaliex dawn il-pagamenti huma mhallsin.

6. Sussegwentement is-socjeta' attrici pprezentat iittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A Kap 12, u bin-numru 2612/19 izda l-intimati rrispingew it-talba in vista tal-fatt illi l-ammont rikjest mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut assolutament peress illi huwa ammont diga' saldat u mhallas lill-istess Christel Limited u ghalhekk qed tippretendi hlas illi diga' gie effetwat, u ghalhekk saret din il-kawza frivola u vessatorja.

Ghaldaqstant l-intimati jitolbu bir-rispett kollu li t-talbiet attrici jigu michuda in toto.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Permezz ta' dawn il-proceduri s-socjeta' rikorrenti talbet li l-intimati jigu ordnati jhallsu l-ammont minnha pretiz in virtu tar-relazzjoni lokatizja li tezisti bejn il-partijiet skont skrittura tas-6 ta' Dicembru 2011.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020, Dr Caruana Galizia ghas-socjeta' rikorrenti iddikjara li l-mertu jinsab ezawrit. Fadal x'jigi deciz biss il-kap tal-ispejjez.

Mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni pprezentata minn Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc jirrizulta li twettqu diversi depoziti fil-kont tas-socjeta' rikorrenti, biss mill-istatement ma jirrizultax min ikun iddepozita l-ammont partikolari u lanqas jirrizulta mill-atti d-depoziti ghal-liema xhur kienu qed jirreferu. Dan qed jinghad billi fix-xhieda tieghu l-istess Carmel Pisani qal li mhux l-ewwel darba li bil-kunsens tas-sid (missier Charmaine Xuereb) hallas tard.

Fil-fehma tal-Bord huwa evidenti ukoll li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partjiet.

Infatti hekk kif l-intimati rcevew l-ittra ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 huma rrispondew fejn sostnew li l-ammont kien saldat. F'dak l-istadju ma jidhirx li twettqu l-verifiki biex dan jigi accertat mis-socjeta' rikorrenti, pero' lanqas jirrizulta li l-intimati taw rendikont car ta' kif u meta hallsu l-ammont pretiz.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Bord iqis li l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni mill-mertu tal-proceduri billi dan gie ezawrit, jordna li l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**